# 5 ta' Ottubru 1798
# Ir-Rewwixta taż-Żabbarin kontra l-Franċiżi

Mill-Misraħ sejjaħnielhom, mill-Biċċieni
mill-Bidni, San Anard u minn tal-Plier,
mix-Xgħajra, minn Ħas-Sajd, minn Wied iż-Żiju,
minn Wied il-Għajn l-irġiel ta' kull mistier.

Bil-bronja mill-imtieħen ta' Buleben,
bil-qniepen u ċ-ċuqlajti mill-kampnar
tlabniehom biex jingħaqdu mal-miġemgħa,
jinġabru bħal qaqoċċa f'Ħaż-Żabbar.

U ġew bi ħgarhom. Min bl-imgħażqa f'idu,
min b'fies, imterqa, luħ jew furkettun.
Biż-żejt ġiet illaxkata kull xkubetta.
Bil-mola kull stallett safa misnun.

Għajnejhom jarmu l-qilla tal-qalbiena,
imxammra għad-deffa bid-dirgħajn godlija,
ħallew in-nagħaġ fl-imqajel bla maħluba,
ħallew fl-qosma l-għelejjel bla msoqqija.

Il-konz ħalla s-sajjied, ix-xbiek u n-nases,
Il-forġa telaq tibred il-ħaddied.
In-newl ħalla n-nissieġ, il-moxt, l-imserka.
L-għarus ħalla 'l għarustu bla wegħdiet.

Għax wasal ħabar l-hemm. . . daqqet is-siegħa
ta' l-għazla 'l hemm jew 'l hawn. . . tajjeb – ħazin.
Titwieġeb trid is-sejħa anke jekk għoli
sa jkun il-prezz tad-demm għall-qalbenin.

Id-demm qatt ma jsir semm. Iżda minn dejjem
il-Malti jedd twelidu ma jċedihx.
Ma jirfes ħadd lil Dinu u 'l-Art Maltija.
F'idejn barrani lħitu ma jerħihx.

Bi lsienu għasli l-għadu ndiehes magħna,
mill-fewdu fdiena u minn irħieb San Ġwann,
Iżda l-kukkarda f'daqqa nbidlet f'dagħwa
u l-wegħda tal-ħelsien saret ingann.

Serqulna ġidna. Serqu l-knejjes tagħna.
Ħadu lala xaħxieħa max-xbejbiet.
Mal-flotta lejn l-Eġittu kaxkru magħhom
kemm irġiel sabu, fided, deħbijiet.

Saħnet il-qiegħa. Qellet ir-rewwixta.
Intrefgħu fuq il-foss il-pontijiet.
Għall-kenn tas-swar inqaflu t-trikolori
u tajfa tal-Maltin barra l-ibliet.

Arahom idewdu s-swar tal-Kottonera,
madwar Bieb is-Sultan, ġol-amberżuni.
L-għodod tan-nar bil-lejl, bi nhar ikiddu,
u l-leħħa tfiġġ mar-ragħda tal-kanuni.

Bħax-xita jinżlu l-balal fuq l-irziezet.
Borġ ġebel saru d-djar ta' Ħaż-Żabbar.
In-nies titherwel bla taf kif tiskansa,
ma ssib imkien il-kenn mill-ħbit tan-nar.

Nar b'nar iwieġbu tagħna mit-trunċieri.
Nar b'nar minn ġo l-imramma tas-sejjieħ.
Ifaqqgħu l-ixkubbeti, jdamdmu t-tnabar,
dħaħen, għaraq u d-dmija, krib u wġigħ.

Intlaqat is-Santwarju, l-koppla ġġarrfet
u bosta kienu n-nies li sfaw milquta.
Għax kbira l-qawwa kienet tal-Franċiżi
spiċċaw bil-ħbit l-ilqugħ u ċ-ċnut maħtuta.

B'hekk għamlu l-almu u minn ġos-swar kennija
ħarġu l-Franċiżi stakkament għall-ġlied
biż-żwiemel u r-riġlejn, armat sa snienu,
u b'hekk taqtigħa ħarxa reġgħet bdiet.

Qishom iljuni ż-Żabbarin inxteħtu
fuq l-għadu li ma tax ruħu b'mirbuħ.
Fit-toroq, fil-ħarat u ġol-imsieraħ
wieħed wieħed naqqewh sakemm xejnuh.

Bla ħniena u twila kienet it-taqtigħa,
żgħażagħ u xjuħ, nisa u rġiel annuna.
Min jgħabbi, min inewwl, min iqandel,
mill-kbir saż-żgħir kulħadd jagħti l-għajnuna.

U fl-aħħar minn ġod-daħna x-xemx ittawlet
u wara l-ħamba reġgħet waqgħet sikta.
Mill-ġdid fuq Ħaż-Żabbar perpret bandiera
ħamra bħad-demm u bajda mingħajr nikta

*Achille Mizzi*
25 ta' Jannar 1999